**401. Is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Simplifikazzjoni Amministrattiva, l-Onor Deborah Schembri jipproponi:**

Illi l-Kamra tad-Deputati tapprova din ir-Riżoluzzjoni:

Billi hija l-istrateġija tal-Gvern li tiddersifika u tkattar l-ekonomija Maltija permezz ta' investimenti f'setturi ġodda bħal dawk tal-edukazzjoni u s-saħħa;

Billi ġie identifikat investiment barrani ġdid f'dawn is-setturi f'forma ta' Sptar u Ċentri Mediċi;

Billi l-post magħżul minħabba li hu ideali biex jospita dan l-Isptar u Ċentri Mediċi huwa *SmartCity* Malta;

U billi l-kuntratt attwali tal-għotja enfitewtika bejn il-Gvern ta' Malta u SmartCity (Malta) Limited datat 22 ta' April 2007 fl-atti tan Nutar Vincent Miceli ma jkoprix speċifikament l-użu għal Sptar u Ċentri Mediċi, iżda fil-preżent jillimita biss għal *'health and fitness centers'* fil- partijiet ta' *SmartCity* intiżi għal-Lukanda u żvilupp kummerċjali;

Għaldaqstant huwa xieraq li l-kuntratt enfitewtiku datat 22 ta' April 2007 fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli, jiġi modifikat biex jinkludi fih klawsola li tirregola l-użu permessibbli għal Sptar u Ċentri Mediċi kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' kuntratt ta' modifika hawn anness u li qed jiġi mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa xieraq li din il-modifika tal-kuntratt datat 22 ta' April 2007 fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli tiġi approvata b'riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;.

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi:

Issir modifika tal-kuntratt enfitewtiku datat 22 ta' April 2007 fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli skont kif propost fl-istess abbozz hawn anness.

11.10.16